KLR 50/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 14 ta' Frar 2017 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri il-membri, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA:- Il-membru Maria Portelli.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

**2. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2016**

Għal din l-item ġie mistieden jidħol fil-kamra l-Accountatn John buttiġieġ li ħejja d-dokument tal-Financial Statements għas-sena 2016. Dan spejaga fid-dettal id-dokument li mbgħad ġie approvat u jinsab anness f'dokument A.

**3. Korrispondenza**

Tresqet korrispondenza mingħand:-

3.1 *Transport Malta* (TM) fejn inħareġ il-permess għall-*un/loading* quddiem 'Solar Engineering' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;

3.2 Salvu Galea li talab għal *double yellow lines* mal-garaxx tiegħu ta' 'Il-Qolla' Tiq Santa Dminka. Għandu jintalab il-permess ta' TM;

3.3 Dun Geoffrey G Attard fejn issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel lapida li tifkira mad-dar fejn kien jgħix l-Arċisqof Ġużeppi Mericeca. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment.

3.4 Mark Sagona sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem 3/4 Triq l-iskola. Il- membri qablu.

**Materji oħra**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li ġew sottomessi l-applikazzjonijiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza Indipendenza u Triq Vajrinġa.

4.2 Skont ir-rakkomandazzjonijet tal-kumitat ta' evalwazzjoni ix-xogħol relatat ma':- *VLC11/2016 – Quotation for reinforced concrete and related works at Vitcotria Playing field*, u *VLC12/2016 – Quotation for the removal of bollards and railing and excaation works at Victoria Playing Field*, għandu jsir minn Gatt Tarmac Ltd. peress li offra l-orħos prezz u kien teknikament konformi mar-rekwiżiti tal-istima.

4.3 Il-kunsillier Debrincat ġibed l-attenzjoni fejn qal li l-istat tal-*playing field* u tal-latirni ta' Triq taħt Putirjal hu diżastruż. Bix-xogħl tal-fencing u l-ħruġ tal-offerta tal-landscaping dinis-sitwazzjoni għandha titranġa. Rigward il-latrina l-membri qalbu li l-kunsill gġandu jistaqsi lid-Diaprtiemnt għal-Gvern Lokali f'hiex wasal il-proċess tal-manutenzzjoni tal-latrini minn naħa tal-Gvern Ċentrali.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |